MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2013

Numru. 400/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs.**

**Niccolo Bennati u**
**Giulio Galaurchi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

Niccolo' Bennati, ta' tmintax (18)-il sena, iben Giovanni u Lorenza nee' Pecchi, imwieled Montepulciano (SI), Italja nhar il-21 ta' Dicembru 1994, residenti Via Zanetti 65, Monte San Savino (AR), Karta ta' l-Identita Taljana numru AS4648536

u

Giulio Galaurchi, ta' dsatax (19)-il sena, iben Carlo u Roberta nee' Gaudenzi, imwieled Castiglion Fiorentino (AR) nhar it- 28 ta' Frar 1994, residenti Via Selce N 9, Foiano della Chiana (AR), Karta ta' l-Identita Taljana numru: AS 0995077

Akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer fil- lejl bejn il- 21 u t- 22 ta' Lulju 2013 u fil-granet ta' qabel**:**

Kellhom fil-pussess taghhom il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Artikolu 8 (d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-sub-artikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza ghandha tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputati rregistraw ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputati wara li l-Qorti avzathom bil-konsegwenti legali ta' dik l-ammissjoni, u senjatament li l-piena massima kienet ta' sena prigunerija u/jew multa, u kkoncedietilhom zmien bizzejjed biex jergghu jikkonsidraw t-twegiba taghhom u jergghu lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputati stess, il-Qorti issib lill-imputati hatja ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputati, l-fatt li huma kkoperaw mal-pulizija, u li gew Malta ghal vaganza ta' ftit jiem.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti wara li rat l-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati hatja ta' l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom, u tikkundannahom ghal multa ta' hames mitt Euro (€500.00) kull wiehed.

Il-Qorti tordna li d-droga ezebita tigi distrutta taht is-supervizjoni tar-registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------